**18 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Leonard Falzon

## Vilipendju tar-Reliġjon – Tfixkil ta' Servizzi Reliġjużi – Attruppament

*L-għemil ta' min jitla' fuq l-artal u jaħtaf ċirkolari ta' l-Isqof li l-Kappillan ikun qed jaqra pubblikament waqt funzjoni fil-knisja jammonta għal vilipendju fit-termini ta' l-artikolu 161 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tfixkil ta' l-istess funzjoni reliġjuża fit-terminu ta' l-artikolu 163 ta' l-imsemmi Kodiċi.*

Il-Qorti: –

Rat l-akkużi miġjuba kontra l-imputat u ċjoè talli:

(a) Fl-Imqabba fit-8 ta' Ġunju, 1985, għall-ħabta tal-5.00 p.m. bi kliem, b'ġesti, b'kitba, stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezzi viżibbli, kasbar pubblikament ir-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana, illi hija r-Reliġjon ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu magħha nkella offenda r-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din ir-Reliġjon jew lill-ministri tagħha, jew kull ħaġa li tkun oġġett ta' devozzjoni tar-Reliġjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss għad-devozzjoni ta' din ir-reliġjon;

(b) Ukoll talli fl-istess jum, lok u ħin ma ħalliex li jsir jew fixkel funzjoni, ċerimonja jew servizz reliġjuż tar-Reliġjon Kattolika Appostolika Rumana illi jsiru bl-għajnuna ta' ministru tar-Reliġjon jew f'post ta' qima jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku;

(ċ) Ukoll talli fl-istess jum, lok u ħin xewwex ġemgħa ta' nies illi hekk imxewxa nġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat;

(d) Ukoll talli fl-istess jum, lok u ħin qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku;

(e) Kif ukoll talli huwa reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tas-17 ta' Settembru, 1981 fl-istess ismijiet "Il-Pulizija vs Leonard Falzon";

Rat in-nota tar-Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali a fol. 78 u l-kunsens ta' l-imputat a fol. 79 tal-proċess li biha ddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi deċiż mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tas-26 ta' Novembru 1986 li biha sabet lill-imputat mhux ħati tar-raba' akkuża u minnha illiberatu iżda sabitu ħati ta' l-akkużi l-oħra ċjoè dak numru 1, 2, 3 u 5 u wara li rat l-artikolu 161, 49, 50 u 32(1)(b)(xiii)(xii)(xi), 163(1)(2), 49, 50, 32(1)(b)(xi)(x)(viii)(vii), u 68(2)(3) tal-Kap. 12 b'riferenza għall-artikoli fuq imsemmija kkundannatu fuq l-akkużi li dwarhom sabitu ħati għal erba' xhur priġunerija u dan wara li kkunsidrat dan kollu li ġej u ċjoè:

Fr. Emmanuel Vella, Kappillan tal-Knisja ta' l-Imqabba xehed li kien ġie mogħti struzzjonijiet mill-Arċisqof biex jaqra ittra li kienet tagħti twissija lill-każin tal-Ġilju ta' l-Imqabba, biex ma jabbużawx miċ-ċirkolari li kienet ħarġet xi ftit xhur qabel. Tal-każin kienu rċevew kopja ta' dina l-ittra. Qabel il-

quddies avviċinawh xi tlieta jew erbgħa minn tal-Kumitat tal-każin u qalulu biex jibgħat din l-ittra lil min bagħatha. Hu qalilhom li ma setax u baqgħu hekk;

Imbagħad meta ġie biex jaqra l-ittra waqt il-Quddiesa tas-6.30 p.m. tas-Sibt, li nzertat waħda ta' tieġ, inġabru ħafna partitarji fil-Knisja, fin-naħa tal-Kunċizzjoni u hekk kif beda jaqra, beda ħafna tisbit, għajat u dagħa fil-Knisja, u ħin minnhom tela' l-imputat, qasam l-artal kollu, ta tisbita b'idejh quddiem fuq il-karta li kien qed jaqra, qattagħhielu u tefagħha fl-art;

Reġa' ġabar il-karti mill-art, ipprova jgħaqqadhom u reġa' b'xi mod jaqra, però l-għajat u l-istorbju tant kien kbir li deherlu li kellu ma jkomplix;

L-imputat, qabel tela' fuq l-artal, kien ma' ġemgħa ta' xi 30 persuna jew iżjed. Meta mar ħdejh, l-imputat qallu xi diskors però ma jiftakarx f'liema sens;

Meta x-xhud reġa' ttella' mill-imputat, dan qal li hu kien lest li jaħfirlu;

*Fr. Alfred Sciberras, xehed li kien qed jiċċelebra quddiesa* ta' tieġ. Sat-tqarbin kollox mar sew, meta mbagħad il-Kappillan ġie biex jaqra ċ-ċirkolari tal-Vigarju Ġenerali, inqala' l-istorbju. Hu kkonferma kull ma qal il-Kappillan dwar kif ġara l-inċident u qal li għaraf lill-imputat bħala l-persuna li kien tela' fuq l-artal u qatta' ċ-ċirkolari. L-imputat kien ukoll waqqa' fl-art il-microphone. Hu ma rahx lill-imputat ixewwex in-nies jew jidgħi;

*John u Innocenza Falzon kienu l-koppja li żżewġu dak*

inhar. Ikkonfermaw li kien l-imputat li kien tela' fuq l-artal u qatta' ċ-ċirkolari minn idejn il-Kappillan. Qalu li l-imputat kien man-nies li bdew jagħmlu l-istorbju fil-Knisja fuq il-*video* tat-tieġ ma ġie xejn dwar l-inċident. Huma ma rawx lill-imputat ixewwex in-nies jew semgħuh jidgħi;

Emma Zammit u Anna Zammit ikkonfermaw dak li qalu John u Innocenza Falzon;

Ix-xhieda l-oħra li xehdu jew ma kinux preżenti meta nqala' l-inċident jew inkella waslu meta kien diġà sar, jew inkella ma rawhx minħabba l-konfużjoni li kien hemm. Oħrajn kienu biss preżenti għal-laqgħa mal-Kappillan;

Da parti tiegħu l-imputat għażel li ma jixhidx fil-Qorti mentri l-*istatement* tiegħu hu kompletament negattiv;

Illi d-difiża ta' l-imputat hi fis-sens li:

(1) l-att tiegħu ma kienx dirett lejn ir-Reliġjon imma lejn l-istqarrija;

(2) li hu ma ħax parti f'ġemgħa ta' nies jew xewwex dina l-ġemgħa;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta abbondantement ippruvat li l-imputat kien wieħed mill-ġemgħa ta' nies ta' 'l fuq minn 30 persuna li kienu qed jagħmlu l-istorbju fil-Knisja b'tisbit, għajat u dagħa, u li kienu qed jipprotestaw għax il-Kappillan kien ser jaqra ċ-ċirkolari tal-Vigarju Ġenerali. Jirriżulta wkoll li kien l-imputat li tela' fuq l-artal u qatta' ċ-ċirkolari minn idejn il-Kappillan u tefagħha fl-art;

Dwar l-ewwel akkuża jirriżulta li bl-aġir tiegħu l-imputat kasbar pubblikament ir-Reliġjon Kattolika ta' Malta, tant li l-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta, minħabba dina l-profanazzjoni ħassew *il-bżonn li l-Knisja ta' l-Imqabba tinżamm għal xi żmien* magħluqa, u dana billi l-imputat kasbar lill-ministri tagħha u anke oġġetti ta' devozzjoni tar-Reliġjon Kattolika, meta sfida l-awtoritajiet ekklesjastiċi responsabbli (l-Arċisqof u l-Kappillan) u d-direttivi leġġittimi tagħhom, u meta fixkel iċ-ċerimonja *reliġjuża (quddies)*. L-att kontra l-istqarrija hu inxindibbli mill-att kontra min hariġha;

Dwar it-tieni akkuża jirriżulta li l-imputat fixkel il-funzjoni – servizz reliġjuż li kienet ukoll quddiesa ta' tiegħ – li kienet qed issir bl-għajnuna ta' Ministru ta' Reliġjon f'lok ta' qima;

Dwar it-tielet akkuża, taħt l-artikolu 68(2) tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li l-imputat ħa parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm din il-ġemgħa ta' nies ma tkunx ġiet imxewxa minn ħadd in partikolari, u dana b'riferenza għal akkuża taħt l-artikolu 161 u 163 ta' l-istess Kodiċi Kriminali;

Illi l-akkuża numru (4) ġiet rinunzjata fin-nota ta' l-Avukat Ġenerali;

Illi l-ħames akkuża tirriżulta sodisfaċentement ippruvata mill-provi prodotti, u kkunsidrat inoltre dwar il-piena;

Dwar il-piena l-Qorti għandha tirrileva l-ewwelnett il-gravità ta' dana l-każ, *tant li anke l-awtoritajiet ekklesjastiċi kienu* ħassew in-neċessità li jżommu l-Knisja magħluqa għal xi żmien minħabba l-profanazzjoni; it-tieni tirrileva li dan kien inċident

ikrah u gravi billi jolqot direttament il-bażi ta' l-awtorità tal-Knisja, u ċjoè jekk f'affarijiet tal-Knisja ser tikkmanda l-Knisja jew il-każin tal-banda;

Kif kien issemma f'editorjal tal-ġurnal il-Ħajja ta' l-14 ta' Ġunju, 1985:

"Attġejjament ta' sfida lejn awtoritajiet ekklesjastiċi *responsabbli* u *d-direttivi leġittimi* tagħhom, hu ferm 'il bogħod mill-eżempju nisrani li jinħtieġ li ngħixu fil-festi biex ma jirrenduhomx festi pagani u wkoll okkażjonijiet ta' mibegħda u firda flok ta' ferħ u għaqda";

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kondotta ta' l-imputat, il-Qorti tirrileva li l-imputat hu reċediv, u mhux l-ewwel darba li attakka u ferixxa b'oġġetti persuni, anke ta' awtorità, u għamel storbju, u jidher li hu persuna li ma tantx hu kapaċi li jikkontrolla l-istinti u l-passjonijiet tiegħu malajr;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja u tirrevokaha fil-parti kondannatorja billi minflok issib lill-imputat mhux ħati u tilliberah minn kull piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-elementi formali tar-reati dedotti billi l-appellant qed jissottometti li mill-provi joħroġ ċar li l-atti tiegħu fl-ebda ħin u bl-ebda mod ma kienu diretti lejn ir-reliġjon jew il-Knisja Kattolika iżda kienet kwistjoni parrokkjali bejn żewġ każini tal-banda;

Illi l-aġir ta' l-appellant però jitkellem waħdu u din il-Qorti ma tifhimx kif persuna li titla' fuq l-artal taħtaf ċirkolari ta' l-Isqof li l-Kappillan qed jaqra pubblikament waqt funzjoni fil-Knisja jista' ma jkunx tkasbir intenzjonat u volut fit-termini ta' l-ewwel akkuża;

It-tieni aggravju hu fis-sens li meta seħħet l-azzjoni ta' l-appellant il-funzjoni kienet intemmet u fil-fatt skond hu għandu tort il-Kappillan li qara ċ-ċirkolari meta kien jaf bil-ferment qawwi li kien jeżisti fuq il-kwistjoni;

Illi dan l-aggravju hu temerarju għall-aħħar. Infatti mhux biss mill-provi jemerġi ċar li ċ-ċerimonja kienet għadha ma ntemmitx u n-nies kollha inklużi l-għarajjes u ċ-ċelebrant kulħadd għandu f'postu iżda illi għalkemm iċ-ċelebrant għażel l-aħħar parti tal-quddiesa biex jikkomunika ċ-ċirkolari u dan evidentement biex iħalli kemm jista' jkun integra ċ-ċerimonja nuzjali l-appellant xorta ma ġiehx rispett minn ħadd u ta svog għar-rabja u vjolenza tiegħu;

It-tielet aggravju jirrigwarda t-tielet akkuża u l-appellant qed isostni li din l-akkuża fl-ebda stadju ma ġiet ippruvata;

Illi l-ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati taħt l-art. 68(2) tal-Kap. 9 u ċjoè talli ħa parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġburin bil-ħsieb li jagħmlu r-reat u dan b'riferenza

għall-akkużi taħt l-artikoli 163 u 165 tal-Kap. 9. Illi fuq il-ħtija ta' l-imputat taħt dan l-artikolu 68(2) din il-Qorti sempliċement ma tara ebda ombra ta' dubju u pjuttost hi tal-fehma li dan l-aggravju ingħata b'mod leġġer. Infatti m'hemmx dubju dwar il-konsistenza tal-ġemgħa in kwistjoni u lanqas dwar l-intenzjonijiet altru milli piji illi kellhom meta nġemgħu fil-Knisja. Anzi pjuttost l-appellant hu l-aqwa prova ta' x'kienet l-intenzjoni;

L-appellant ilmenta wkoll dwar id-dikjarazzjoni ta' l-Ewwel Qorti fuq ir-reċidiva però din il-Qorti sempliċement ma tistax tifhem l-aggravju tiegħu jekk fil-fatt hu aggravju;

Dwar piena din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba xejn minn dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti. L-appellant żbalja u żbalja bl-ikrah u għal li għamel il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. Jiġi rrilevat biss lill-awtoritajiet tal-Ħabs Ċivili dak ipprovdut dwar ammnestija mill-E.T. il-President tar-Repubblika permezz tal-proklama tad-29 ta' Jannar, 1987, u tal-*warrant* tad-29 ta' Mejju, 1987;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.